MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1008/2005

**Marianna *sive* Marina Galea Xuereb**

***Versus***

**Carmelo Mifsud**

F’din il-kawża l-attriċi qiegħda tfittex għad-danni – kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans* – li ġarrbet f’inċident tat-triq li seħħ fil-21 ta’ Diċembru 2001 bejn vettura misjuqa mill-attriċi u vettura misjuqa mill-konvenut. Billi qiegħda tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, iżda għalxejn sejħitlu b’ittra uffiċjali tas-26 ta’ Novembru 2003 – notifikata wkoll lill-assikuratur tiegħu – biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident fuq imsemmi;
2. tillikwida d-danni; u

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru 2003.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huwa mill-bidunett stqarr li jaħti għall-inċident u għalhekk l-ewwel talba hija żejda, u ma għandux ibati l-ispejjeż tagħha;

2. ma huwiex minnu illi l-konvenuta ġarrbet debilità li ma tfieqx minnha minħabba fl-inċident, u għalhekk ma hemmx *lucrum cessans*; u

3. dak mitlub mill-attriċi bħala *damnum emergens* huwa wisq.

Tassew illi l-konvenut stqarr li jaħti għall-inċident sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tiegħu hija tajba.

Fadal biss li ssir likwidazzjoni tad-danni.

*Damnum emergens*

B'nota tat-30 ta' Novembru 2005, u b'riċevuti mehmuża magħha, l-attriċi wriet illi nefqet elf, seba' mija u dsatax-il lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm1,719.21) fuq tobba u mediċini; minn dawn l-assikuratur tal-konvenut raddilha sebgħa u ħamsin lira (Lm57) u għalhekk fadal bilanċ ta' elf, sitt mija u tnejn u sittin lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm1,662.21) – daqs tlitt elef, tmien mija u wieħed u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€3,871.91).

Billi dawn l-ispejjeż huma ġustifikati b'riċevuti li ma ġewx kontestati, il-qorti tapprovahom.

L-attriċi qiegħda titlob ukoll bħala *damnum emergens* dak li nefqet biex xtrat xi oġġetti tad-dar u *appliances*. Billi iżda ma fissritx dawn il-ħwejjeġ x'inhuma, u ma ressqet ebda prova li teħtieġhom b'konsegwenza tal-inċident, il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex tapprovahom.

Il-qorti għalhekk tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta' tlitt elef, tmien mija u wieħed u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€3,871.91).

*Lucrum cessans*

Billi t-tobba tal-partijiet ma qablux bejniethom dwar jekk l-attriċi ġarrbitx debilità li ma tfieqx minnha b'konsegwenza tal-inċident, il-qorti b'dikriet tat-18 ta' Jannar 2008 ħatret espert mediku. Dan ħalef ir-rapport tiegħu fit-3 ta' Diċembru 2008 u irrelata illi l-attriċi ġarrbet debilità li ma

tfieqx minnha ta’ għaxra fil-mija (10%). Il-qorti toqgħod fuq din il-konklużjoni tal-espert maħtur minnha.

L-attriċi kellha wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident, u għalhekk *multiplier* ta’ għoxrin sena huwa wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi.

Dak iż-żmien l-attriċi kellha dħul ta’ disat elef, disa’ mija u ħamsa u erbgħin lira u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm9,945.94) – daqs tlieta u għoxrin elf, mija u sebgħa u sittin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€23,167.81). Meta tqis it-tul tal-*multiplier* u ż-żjidiet li x’aktarx li jingħataw fil-ġejjieni, ikun xieraq illi għall-għanijiet tal-kalkolu l-qorti tqis dħul medju ta’ tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) fis-sena.

*Lucrum cessans* għalhekk jiġi sitta u ħamsin elf euro (€56,000), maħdum hekk:

€28,000 × 20 sena × 10% = €56,000

Billi l-attriċi sejra ddaħħal issa d-dħul li parti minnu kienet iddaħħlu fil-ġejjieni, iżda ġà għaddew seba’ snin u nofs minn meta seħħ l-inċident, huwa xieraq illi jsir tnaqqis ta’ ħamsa fil-mija (5%) mis-somma likwidata, biex din tinżel għal tlieta u ħamsin elf u mitejn euro (€53,200), u illi l-imgħax jibda jgħaddi millum.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta’ tlieta u ħamsin elf u mitejn euro (€53,200). Id-danni b’kollox jiġu sebgħa u ħamsin elf u wieħed u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€57,071.91).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi tillikwida d-danni li ġarrbet l-attriċi fis-somma ta’ tlitt elef, tmien mija u wieħed u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€3,871.91) *damnum emergens* u tlieta u ħamsin elf u mitejn euro (€53,200) *lucrum cessans*, b’kollox sebgħa u ħamsin elf u wieħed u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€57,071.91), u, billi l-konvenut stqarr li jaħti għall-inċident, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi sebgħa u ħamsin elf u wieħed u sebgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€57,071.91).

L-imgħax fuq is-somma likwidata bħala *damnum emergens* jibda jgħaddi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju, u fuq is-somma likwidata bħal *lucrum cessans* jibda jgħaddi millum. L-ispejjeż tal-ewwel talba tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------